MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1076/2003

**Melita Cable p.l.c. u Video-On-Line Limited.**

**-vs-**

**Il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni u l-Awtorita' ta' Malta dwar Komunikazzjoni għal kull interess li jista' jkollha.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-17 ta' Ottubru, 2003 li permezz tagħha s-soċjetajiet atturi ppremettew:

Illi s-soċjeta' attriċi Melita Cable p.l.c. (C12715) ta' Gasan

Centre, Imrieħel By Pass, Imrieħel, BKR 14 (“Melita Cable”) għandha liċenzja biex tinstalla u topera sistema ta’ fili u apparat ieħor, u dan biex tipprovdi ‘*cable television services*’ u servizzi oħra, fosthom ‘*data transmission services*’, liema liċenzja nħarġet fl-4 ta’ Marzu, 2001 (Dok “MC1”);

U illi s-soċjeta’ attriċi l-oħra, Video-On-Line Limited (C19013) ta’ Gasan Centre, Imrieħel By Pass, Imrieħel, BKR 14 (“Vol”), għandha liċenzja biex topera bħala “Internet Service Provider”, liema liċenzja nħarġet taħt ir-Regolamenti ta’ l-1999 (kif emendati) dwar Provdituri ta’ Servizz għal Internet u *Data Networks* oħra (Dok “MC2”);

U illi ai termini ta’ regolament 5(1) tar-Regolamenti ta’ l-1999 dwar Provdituri ta’ Servizzi għal Internet u *Data Networks* oħra, kif sussegwentement emendati;

Provditur ta’ Transport ta’ Telekomunikazzjonijiet għandu jitqies bħala li għandu pożizzjoni dominanti fis-suq f’dawn il-każijiet li ġejjin:-

(a) meta l-Provditur ta’ Telekomunikazzjonijiet jipprovdi servizzi li jinkludu wkoll servizzi fuq l-istess network tal-Provditur ta’ Transport ta’ Telekomunikazzjonijiet, permezz ta’ kumpanija sussidjarja u meta dik il-kumpanija jkollha ħamsa u għoxrin fil-mija tas-suq għas-servizzi fl-*area* ġeorgrafika li fiha tkun awtorizzata topera; jew

(b) meta l-Provditur ta’ Transport ta’ Telekomunikazzjonijiet ikollu iżjed minn ħamsa u għoxrin fil-mija tas-suq tat-transport tat-telekomunikazzjonijiet għar-rigward tas-servizzi fl-*area* ġeografika li fiha jkun awtorizzat li jopera; jew

(c) [omissis]

[omissis].”

U illi fis-7 ta’ Awissu 2003 l-Awtorita’ ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni, f’dokument intitolat *Dominant Market Position in the Telecommunications Market -2002* (Dok “MC3”), iddikjarat lil Melita Cable dominanti fis-suq ta’ *Telecommunications Transport Providers* u dan bis-saħħa tal-poter mogħti lilha taħt regolament numru 5 tar-Regolamenti dwar Provdituri ta’ Servizzi għal Internet u *Data Networks* oħra, ċitat supra;

U illi regolament 5 tar-Regolamenti ġie promulgat bl-Avviż Legali 223 tas-sena 2000;

U illi l-Avviż Legali 223 tas-sena 2000 ġie mgħoddi biex jingħata effett in parti lill-Pjan Nazzjonali għar-riforma fis-Settur tat-Telekomunikazzjonijiet adottat mill-Parlament bħala skeda għall-Att Numru XVIII tas-sena 2000 (il-“Pjan Nazzjonali”);

U illi l-Pjan Nazzjonali kien il-pjan li fuqu l-Gvern ġie awtorizzat mill-Parlament biex jilliberalizza s-suq tat-telekomunikazzjoni;

U illi l-Pjan Nazzjonali kien jikkomprendi fih miżuri li kellhom jaffettwaw lill-kumpaniji li, dak iż-żmien, kellhom monopolji, fosthom Melita Cable;

U illi l-liberalizzazzjoni kienet tikkomprendi tneħħija tal-imsemmi monopolji qabel iż-żmien li fih kellhom jagħlqu, u t-teħid ta’ miżuri ntiżi biex jimminimizzaw jew jinnewtralizzaw l-konsegwenzi negattivi tat-telf tal-monopolji għall-kumpaniji li kellhom tali monopolji;

U illi fost il-miżuri li, skond il-Pjan Nazzjonali, kellhom jittieħdu u li kellhom effett fuq il-Melita Cable, kien hemm is-segwenti:

“Ir-Regolamenti ta’ 1999 dwar Provdituri ta’ Servizzi għal Internet u Data Networks oħra, għandhom jiġu modifikati sabiex ikunu jipprovdu li l-obbligazzjonijiet ta’ aċċess

miftuħ ikunu japplikaw biss għal kumpaniji li jkollhom pożizzjoni dominanti fis-suq fil-providiment ta' trasport ta' telekomunikazzjonijiet relatat ma' servizzi ta' aċċess għall-Internet.

[omissis]

Il-Gvern jikkonsidra li għalkemm Melita Cable p.l.c. se titlef il-privileġġ ta' esklusivita' fis-servizzi tal-*cable television* fl-1 ta' Ġunju, 2001 hija se tkun benefiċjarja mil-liberalizzazzjoni għal dawn ir-raġunijiet li gejjin:

[omissis]

(j) taħt ir-regolamenti korrenti fuq l-aċċess għall-Internet il-Provdituri kollha tas-Servizz tal-Internet qegħdin jingħataw dritt ta' aċċess miftuħ għan-*network* ta' Melita. Ir-regolament ġdid tas-suq għandu jipprovdi li drittijiet ta' aċċess miftuħ se jsiru operattivi biss meta kumpanija tikseb forzi sinjifikanti fis-suq fil-kamp tat-transport tal-telekomunikazzjonijiet relatat għall-aċċess għall-Internet;"

U illi, kif inhu ċar, is-suq li fih kellha titqies id-dominanza kien is-suq fil-provdiment ta' trasport ta' telekomunikazzjonijiet relatat ma' servizzi ta' aċċess għall-Internet, stabbilit fil-Pjan Nazzjonali mill-Parlament stess;

U illi l-Ministru għat-Trasport u għall-Komunikazzjoni ma kellu ebda poter li jiddefinixxi suq b'mod differenti jew iktar wiesgħa minn dak definit mill-Parlament;

U illi, għalhekk, in kwantu r-regolament 5 tar-Regolamenti

dwar Provdituri ta' Servizzi għal Internet u *Data Networks* oħra jiddifinixxi s-suq bħala li jikkomprendi "s-suq għas-servizzi", dan hu *ultra vires* u konsegwentement null u mingħajr effett;

Għalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. Tiddikjara li, in kwantu r-regolament 5 tar-Regolamenti ta' l-1999 dwar Provdituri ta' Servizzi għal Internet u *Data Networks* oħra, kif sussegwentement emendati, jiddefinixxi s-suq bħala li jikkomprendi "s-suq għas-servizzi", dan hu *ultra vires* u għalhekk mingħajr effett in kwantu l-Ministru għat-Trasport u għall-Komunikazzjoni eċċeda l-poteri biex jippromulga regolamenti lilu mogħtija mil-liġi'

2. Tiddikjara, konsegwentement, kull ordni jew determinazzjoni bbażata fuq dan ir-regolament maħruġa kontra l-Melita Cable mill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Kuminikazzjoni, null u bla effett.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjetajiet atturi maħlufa minn Joseph R Aquailina, I.D. Nru. 364344(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni ppreżentata fil-21 ta' Novembru, 2003 li permezz tagħha eċċepiet;

1. Illi in linea preliminari, in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti stante illi l-atturi għandhom għad-disposizzjoni tagħhom rimedju ta' appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Telekomunikazzjoni u saħansitra l-istess atturi ġja ntavolaw appell quddiem dan il-Bord fejn l-atturi qed jikkontestaw id-determinazzjoni ta' l-Awtorita' ta' Awissu 2003.

2. Illi preliminarjament ukoll, l-Awtorita' konvenuta ma hix il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u dan peress li l-Awtorita' ma għandhiex il-poter leġislattiv li tirrevoka jew tibdel jew tagħmel hi r-regolamenti li qed jiġu

kontestati mill-atturi u għalhekk ċertament l-ewwel talba mhijiex proponibbli fil-konfront tal-istess Awtorita'.

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni odjerna hi preskritta a tenur ta' l-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta. Ir-regolament mertu ta' din il-kawża ġie promulgat tlett snin ilu.

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-regolament in kwistjoni mhuwiex sindakabbli minn din l-Onorabbli Qorti.

5. Illi subordinatament, l-Awtorita' aġixxiet skond il-liġi u a tenur tal-funzjonijiet u doveri mogħtija lilha taħt il-liġi. L-Awtorita' ma għamlet xejn li jmur kontra l-liġi, anzi qdiet il-funzjoni tagħha skond l-istess liġi – f'dan il-każ ir-regolament 5 ta' l-Avviż Legali 170 tan-1999 (kif emendat b'A.L. 223 ta' l-2000).

6. Illi fir-rigward tas-siltiet ċitati mill-atturi tal-Pjan Nazzjonali għal Riforma fis-Settur tat-Telekommunikazzjoni, dan il-Pjan fih innifsu ma għandux forza u effett ta' liġi. Fi kwalunkwe każ lanqas jirriżulta li fil-Pjan hemm xi kliem jew siltiet li juru li Ministru responsabbli mar kontra dak li hemm fil-pjan jew eċċeda l-poteri tiegħu skond il-Att biex jirregola t-Telekommunikazzjoni (Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta). Imkien fis-siltiet ċitati mill-atturi ma jirriżulta li Ministru b'xi mod kien projbit milli jagħmel ir-regolament ċitat. Anzi għal kuntrarju jekk wieħed jifli sew il-Kap. 399 b'mod partikolari l-artikolu 38, jirriżulta biċ-ċar li l-

Ministru kellu l-*vires* neċessarju biex jippromulga r-regolament in kwistjoni.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta' konvenuta maħlufa minn Dr. Paul Edgar Micallef, I.D. Nru. 121560(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut l-Onor Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni ppreżentata fl-24 ta' Novembru, 2003 li permezz tagħha eċċepixxa;

Illi preliminarjament iċ-ċitazzjoni hija inammissibbli *ratione temporis* għaliex preżentata *fuori termine* s-sitt xhur preskritti mill-Artikolu 469A tal-Kap 12.

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju, it-talba ta' l-atturi għad-dikjarazzjoni li r-regolament 5 tar-Regolamenti ta' l-1999 dwar il-Provdituri ta' Servizzi għal Internet u *Data Networks* oħra hija bla bażi fattwali u ġuridika. Ir-regolament impunjat huwa *intra vires* il-poteri tal-Ministru mogħtija lilu mill-Parlament u għaldaqstant anki t-tieni talba ta' l-atturi fiċ-ċitazzjoni promotriċi ta' dan il-ġudizzju hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eċċezzjonijiet ohra permessi mil-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa mill-Aġent Ministru għat-Trasport u Kommunikazzjoni, Onor. Perit Ninu Zammit, I.D. Nru. 119352(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kompriżi n-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet u l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Lulju, 2006 u dawk preċedenti li permezz tagħhom l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tista' tiddeċiedi dwar l-ewwel tlett eċċezzjonijet ta' l-Awtorita' konvenuta u l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut il-Ministru tat-Trasport, liema eċċezzjoni hija wkoll waħda mill-eċċezzjonijiet ta' l-Awtorita'.

L-ewwel eċċezzjoni ta’ l-Awtorita’ hija fis-sens li l-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni stante li l-atturi kellhom a disposizzjoni tagħhom (u fil-fatt għamlu użu minn) rimedju ieħor billi l-liġi in kwistjoni kkostitwiet Bord tal-Appelli li għandu ġurisdizzjoni jisma’ appelli minn deċizjonijiet tagħha. Il-Qorti ma taqbilx ma’ dan għaliex l-atturi qed jattakkaw il-legalita’ tar-regolament billi qed jitolbu li jiġi dikjarat illi nħareġ *ultra vires* il-poteri ta’ l-Awtorita’. Huwa loġiku u naturali li appell quddiem il-Bord imsemmi jkun irid jiġi deċiż skond il-parametri tal-liġi li kkostitwitu u anke tar-regolamenti illi nħarġu bis-saħħa tagħha. *Invece* hija l-Qorti biss li għandha tiddeċiedi jekk regolament inhariġx skond il-liġi jew le. Ir-raġunament din il-Qorti għamlitu fil-kawża Salvu Cutajar vs Avukat Ġenerali (deċiża fit-28 ta’ Ġunju, 2006) fejn il-Qorti ddeċidiet dwar jekk il-fatt li l-attur kien ippreżenta appell quddiem il-Bord ta’ l-Appelli kostitwit taħt il-liġi in kwistjoni (l-Att dwar it-taxxa tad-dħul) kienx iżommu milli jippreżenta kawża kostituzzjonali biex jitlob dikjarazzjoni li parti mil-liġi kienet kontra d-drittijiet tal-bniedem protetti mill-kostituzzjoni.

It-tieni eċċezzjoni hija li l-Awtorita’ m’hijiex leġittimu kontradittur għaliex ma kinitx kostitwita meta saret il-liġi in kwistjoni. Huwa ċar li dan ir-ragunament jista’ jkollu saħħa fir-rigward ta’ l-ewwel talba fejn qed tintalab dikjarazzjoni li r-regolament inħareġ *ultra vires* izda ċertament ma għandux din is-saħħa kontra l-korp taċ-ċitazzjoni kollha għaliex l-atturi qed jitolbu wkoll li kull ordni jew determinazzjoni li tat l-Awtorita’ fil-konfront tagħhom huma nulli. Għalhekk l-Awtorita’ kellha bil-fors tiġi ċitata.

L-eċċezzjoni l-ohra (li hija komuni għaż-żewġ konvenuti) hija

fis-sens illi l-kawża ma ġietx intavola entro’ s-sitt xhur imsemmija fl-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12.

Il-partijiet ma jaqblux li l-kawża qed issir taħt dan l-artikolu fis-sens li l-atturi qed isostnu li l-kawża m’hijiex qed issir

skond l-artikolu għaliex mhux qed jattakkaw l-għemil amminstrattiv iżda r-regolament li bis-saħħa tiegħu saru l-azzjonijiet in konfront tagħhom.

Id-definizzjoni ta' *għemil amministrattiv* taħt is-sub-artikolu 2 ta' l-imsemmi artiklu hija;

*Il-ħruġ ta' kull ordni, liċenzja, permess, warrant, deċizjoni jew ir-rifjut ... li jsir minn awtorita pubblika*

Il-fatt li l-atturi qed jitolbu d-dikjarazzjoni msemmija fuq il-bażi li l-istess aġir kien illegali jidher li jinkwadra ruħu taħt is-sub-artikolu 1 meta jgħid illi hemm ġurisidizzjoni tal-Qrati meta l-għemil in kwistjoni *ikun xi mod kontra l-liġi.* Għalhekk id-deċiżjoni li jittieħdu proċeduri legali emanat minn ordni.

Hu paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi jekk l-azzjoni taħt l-artikolu imsemmi ssir wara s-sitt xhur tiġi perenta. Kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet <u>Co-op Services Limited vs Awtorita dwar it-trasport pubbliku</u> deċiża fil-25 ta' Settembru, 2003;

"*Illum hu stabbilit li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 469 A tal-Kapitolu 12 hu wieħed ta' dekadenza (ara sentenza <u>G Zammit vs Aworita' tal-Ippjanar</u> - PA 2 ta' Frar, 2000). Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrot jew sospiż bħal ma jiġri fil-każ tat-terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu l-perjodu preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għemil amministrattiv ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija ta' sitt xhur li ssemmi l-liġi.*

*Il-liġi ma tgħidx li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali miktub dwar id-deċizjoni. Tgħid biss li z-żmien ta' sitt xhur jibda jgħaddi minn dakinhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-għemil, liema data tiġi l-ewwel.*"

Il-Qorti ma taħsibx li din il-kawża qed tattakka għemil amministrattiv. Huwa minnu li l-interess ġuridiku tas-soċjeta' attriċi twieled meta l-awtorita' aġixxiet amministrattivament fil-konfront tagħha iżda dan ġara a bażi tar-regolament li s-soċjeta' attriċi qed tattakka. Għalhekk it-talba prinċipali attriċi m'hijiex li tattakka l-għemil amministrattiv iżda r-regolament. Fir-rigward ta' l-għemil amministrattiv imbagħad, kif sewwa rrimarkaw l-atturi fin-nota tagħhom, dan effettivament seħħ inqas minn sitt xhur qabel ma ġiet intavolata l-kawża u kienet dik id-data li beda għaddej it-terminu ta' sitt xhur skond is-sub-inċiż (3) ta' l-Artiklu 469 (A) u cioe *minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skond liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil amministrattiv.*

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tiċħad l-ewwel tlett eċċezzjonijiet ta' l-Awtorita' konvenuta u l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut l-Onorevoli Ministru tat-trasport u tordna li l-kawża titkompla tinstema' fuq il-mertu.**

**Spejjeż ta' dan l-inċident a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------